MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1242/2010

**Banif Bank (Malta) plc**

**vs**
**Aaron Koski Husebo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tal-1 ta’ Dicembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta’ Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-konvenut hu wiehed mill-klijenti tal-kumpanija attrici u hu cittadin Fillandiz;

3. Illi l-konvenut stabbilixxa ruhu f'Malta u kien qed jahdem f'Malta ma' kumpanija tal-gaming bl-isem ta' Bet 24 izda tali impieg jidher li issa gie terminat;

4. Illi l-konvenut ddecieda li jakkwista proprjeta' mmobli f'Malta u precizament duplex flat internament bin-numru hamsa (5) li jifforma parti mill-blokk bl-isem Felice Flats, esternament bin-numru hamsa (5), li jinsab f'St. Domenic Street, Valletta, Malta u dan ghamlu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Roland Wadge datat 23 ta' Dicembru 2009, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u markata Dok. A;

5. Illi sabiex jakkwista u sussegwentement jirranga din il-proprjeta`, il-kumpannija attrici kkoncediet diversi facilitajiet ta' self lill-konvenut;

6. Illi skond kif jirrizulta mill-kuntratt surreferit u s-Sanction Letter datata 17 ta' Novembru 2009, hawn annessa u mmarkata Dok. B, dawn il-facilitajiet jikkonsistu fis-segwenti:

- House Loan (I) – mija u sitta u ghoxrin elf Euro, tmien mija u hamsin Euro (€126,850), u
- House Loan (II) – tnejn u sebghin elf, erba' mija u hamsin Euro (€72,450);

7. Illi fl- imsemmija kuntratt u Sanction Letter intlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar kif il-konvenut kellu jhallas lura dawn l-ammonti lill-kumpannija attrici izda minkejja dan il-ftehim, l-imsemmi konvenut ilu ma jaghmel pagamenti lill-kumpannija attrici sa minn April tas-sena 2010;

8. Illi ghalhekk, ai termini tas-Sanction Letter, sehhew wahda jew aktar mill-events of default, partikolarment, izda mhux esklussivament:

a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
k. In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,
n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility;

9. Illi il-kumpannija attrici hi kreditrici tal-konvenut fis-segwenti ammonti:
- House Loan (i) (Kont bin-numru 39152 71 001) – mija u disgha u ghoxrin elf, mitejn u tnejn u tletin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€129,32.42) bl-imghaxx inkluz li sad-29 ta' Novembru 2010 kien ta' tlett elef, mija u sebgha u hamsin Euro u sittax-il centezmu (€3,157.16) (ara l-istatement tal-bank hawn anness u markat Dok. C), u
- House Loan (ii) (Kont bin-numru 39152 40 001) – hamest elef, mija u tlieta u disghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€5,193.46) bl-imghaxx inkluz li sad-29 ta' Novembru 2010 kien t' erba' Euro u tlieta u tletin centezmu (€4.33) (ara l-istatement tal-bank hawn anness u markat Dok. D);

10. Illi l-kreditu tal-kumpanija attrici mal-konvenut jinkludi wkoll is-segwenti:

- Savings Account (Kont bin-numru 39152 18 001) - tmienja u tmenin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€88.85) bl-imghaxx inkluz li sad-29 ta' Novembru 2010 kien ta' wiehed u ghoxrin centezmu (€0.21) (ara l-statement tal-bank hawn anness u markat Dok. E);

11. Illi ghalhekk, l-ammont komplessiv dovut mill-konvenut lill-kumpannija attrici hu dak ta' mija u erbgha u tletin elf, hames mija u erbatax-il Euro u tlieta u sebghin centezmu (€134,514.73) u dan oltre l-imghax bl-ghola rata permessa mil-Ligi sa mid-29 ta' Novembru 2010 sad-data tal-hlas effettiv;

12. Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi mill-kumpanija attrici sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, inkluz permezz t'ittra ufficjali datata 20 t'Ottubru 2010, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u markata Dok. F, il-konvenut baqa' inadempjenti;

13. Illi l-imsemmi kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;

14. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-kumpanija attrici fis-somma ta' mija u erbgha u tletin elf, hames mija u erbatax-il Euro u tlieta u sebghin centezmu (€134,514.73); u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpanija attrici l-ammont komplessiv ta' mija u erbgha u tletin elf, hames mija u erbatax-il Euro u tlieta u sebghin centezmu (€134,514.73);

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 t'Ottubru 2010 u l-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax legali bl-ghola rata permessa mil-Ligi mid-29 ta'Novembru, 2010, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpanija attrici fil-konfront tal-istess konvenut;

Rat illi rikors gie debitament notifikat lil intimat bil-procedura tal-Affissjoni u Pubblikazzjoni li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' rikorrenti fejn Annabelle Mallia ddikjarat bil-gurament taghha illi l-ammont dovut kien dak li jirrizulta fir-rikors cioe €134,514.73;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors, bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------